MALTA PHILHARMONIC ORCHESTRA

The Penthouse, 1, Triq John Lopez,
Floriana FRN1400, Malta
Telephone: +356 2124 4473
E-mail: info@maltaorchestra.com
Website: www.maltaorchestra.com

# L-Orkestra Filarmonika ta' Malta

*Bijografija – Settembru 2016*

L-Orkestra Filarmonika ta' Malta hija rikonoxxuta bħala l-aqwa istituzzjoni mużikali professjonali fil-gżejjer Maltin. Din tiġbor fiha l-aqwa talent Malti u mużiċisti minn għaxar pajjiżi oħra. Imwaqqfa fl-1968, l-Orkestra qabel kienet magħrufa bħala l-Orkestra tat-Teatru Manoel u saret korp indipendenti fl-1997 meta ġiet imsemmija uffiċjalment l-Orkestra Nazzjonali ta' Malta. L-Orkestra għaddiet minn trasformazzjoni oħra fl-2008 meta kibret aktar u saret magħrufa bħala l-Orkestra Filarmonika ta' Malta (MPO).

Sa mill-bidu nett tagħha, l-Orkestra kienet taħt id-direzzjoni tal-aktar mużiċisti prominenti ta' Malta fosthom Joseph Sammut, Joseph Vella u Michael Laus. F'Settembru 2014, is-surmast direttur ta' fama internazzjonali Brian Schembri, wieħed mill-aktar mużiċisti brillanti li ħarġu minn Malta, ġie maħtur Surmast Prinċipali u Direttur Artistiku. Brian Schembri qed jagħti lill-MPO esperjenza vasta u viżjoni mużikali li tibqa' unika fl-iżvilupp tagħha sal-lum. Michael Laus għadu s-surmast residenti tal-MPO.

Il-kalendarju ta' avvenimenti estensiv tal-Orkestra jqiegħed lill-MPO bħala l-ambaxxatriċi kulturali ewlenija ta' Malta. L-Orkestra tagħti aktar minn 70 kunċert fis-sena, fosthom kunċerti sinfoniċi regolari, produzzjonijiet operatiċi annwali f'Malta u Għawdex, programmi ta' outreach tal-komunità u bosta kunċerti ta' ġeneru mużikali aktar leġġier f'diversi postijiet madwar il-gżejjer. Fuq livell internazzjonali, l-MPO kkollaborat ma' ħafna orkestri u kumpaniji tal-opri barranin, u tat kunċerti fi Brussell, Milan u Frankfurt, b'aktar kunċerti internazzjonali ppjanati fi Brussell, Ruma u Vjenna f'dan l-istaġun. L-Orkestra pproduċiet ukoll numru ta' CDs fosthom proġett mal-kumpanija ta' rekordjar internazzjonali Naxos bix-xogħlijiet ta' Charles Camilleri, u serje ta' żewġ CDs intitolati Music of the 19$^{th}$ Century Jewish German Composers (Cameo Classics) u British Composers Premiere Collections (Cameo Classics). Bħalissa qed naħdmu wkoll fuq il-produzzjoni ta' CD ta' mużika tal-kompożitur magħruf internazzjonalment Alexandre Tansman mal-kumpanija ta' rekordjar CPO.

MALTA
PHILHARMONIC
ORCHESTRA

The Penthouse, 1, Triq John Lopez,
Floriana FRN1400, Malta
Telephone: +356 2124 4473
E-mail: info@maltaorchestra.com
Website: www.maltaorchestra.com

Matul is-snin l-Orkestra Filarmonika ta' Malta tat kunċerti ma' numru ta' artisti ta' livell għoli fosthom Karl Jenkins, Joseph Calleja, Andrea Bocelli u Bryn Terfel, diretturi magħrufa bħal Jean-Marc Burfin, Peter Stark, Philip Walsh, u personalitajiet mid-dinja pop fosthom Claudio Baglioni, Michael Bolton, Suzanne Vega u l-artista pop Anastacia.

L-Orkestra hija esponent predominanti ta' kompożituri u mużiċisti Maltin u tipprovdi b'mod attiv programmi ta' edukazzjoni għat-tfal, workshops u kunċerti adattati għalihom. L-MPO hija responsabbli wkoll għat-taħriġ orkestrali u l-iżvilupp tal-mużiċisti żgħażagħ, permezz tal-formazzjoni tal-Akkademja tal-MPO u l-Orkestra taż-Żgħażagħ ta' Malta.

Taħt it-tmexxija l-ġdida tagħha, l-MPO tibqa' kburija bl-iżvilupp tal-viżjoni tagħha għat-twassil ta' mużika tal-aqwa kalibru fil-gżejjer Maltin filwaqt li tippromwovi wkoll il-patrimonju mużikali tagħna barra l-pajjiż.
www.maltaorchestra.com